Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,959, 15 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 279 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 73 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Is-sottoparagrafu (h) għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (g) tal-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinament prinċipali:

"(h) L-applikanti eliġibbli jistgħu jirreġistraw bħala studenti viżitaturi għal taqsimiet studju individwali u jiksbu krettu għalihom. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Bord, il-kretti mogħtija għal xi taqsimiet studju bħal dawn jistgħu jiġu trasferiti għall-Kors, sakemm li ma jkunux għaddew aktar minn seba' snin mit-tmiem b'suċċess tat-taqsima studju. Meta krettu għal aktar minn taqsima studju waħda jkun qed jiġi trasferit għall-Kors, allura s-seba' snin għandhom jibdew mid-data tal-aħħar krettu mogħti."